IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.3.2022
COM(2022) 129 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

dwar l-operazzjoni ġenerali tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fil-Istati Membri (2019-2020) biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, regoli dwar is-saħħa u l-benessri tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

{SWD(2022) 73 final}

Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà

Il-Kummissjoni Ewropea abbozzat u ppubblikat dan ir-rapport f'konformità mal-Artikolu 114 tar-Regolament (UE) 2017/625. Dan ir-rapport għandu l-għan li jtejjeb id-disponibbiltà pubblika tal-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-pajjiżi tal-UE, u l-kontrolli tal-Kummissjoni fuqhom, fl-oqsma tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, it-trattament xieraq tal-annimali, il-biedja organika u l-iskemi ta' kwalità għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel. Hija biss il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li għandha l-kompetenza tinterpreta d-dritt tal-Unjoni. L-għan tagħna huwa li nżommu din l-informazzjoni aġġornata u preċiża. Jekk tiġbdulna l-attenzjoni dwar xi żbalji, se nippruvaw nikkoreġuhom.

Il-materjal li ntuża għal dan ir-rapport:

- huwa informazzjoni ta' natura ġenerali u ma huwiex maħsub biex jindirizza ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kwalunkwe individwu jew entità partikolari;
- ma huwiex neċessarjament komprensiv, komplut, akkurat jew aġġornat;
- huwa parzjalment ipprovdut mill-awtoritajiet nazzjonali fil-pajjiżi tal-UE, li fuqhom il-Kummissjoni ma għandha l-ebda kontroll u li għalihom il-Kummissjoni ma tista' tieħu l-ebda responsabbiltà.

Xi *data* jew informazzjoni f'dan ir-rapport setgħet inħolqot jew ġiet strutturata f'fajls jew f'formati li ma humiex ħielsa mill-iżbalji.

Kontenut

Sommarju eżekuttiv 3

Introduzzjoni 5

Qafas ġuridiku 7

Kontrolli uffiċjali mwettqa mill-pajjiżi tal-UE 11

Ħarsa ġenerali 12

Ir-rapporti annwali tal-pajjiżi tal-UE 17

L-organizzazzjoni u l-prestazzjoni tas-sistemi ta' kontrolli uffiċjali 18

Miżuri meħuda biex jiġi żgurat l-operat effettiv tal-MANCP 20

Azzjonijiet biex tiġi żgurata l-konformità tan-negozji 21

Infurzar mill-awtoritajiet nazzjonali 22

Azzjonijiet meħuda biex jiġi żgurat l-operat effettiv tas-servizzi tal-kontrolli uffiċjali 24

Attivitajiet ta' kontroll tal-Kummissjoni fil-pajjiżi tal-UE 25

Awditi 26

Rakkomandazzjonijiet 31

Rapporti ġenerali 32

Punti ewlenin mill-kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni (2019-2020) 34

Attivitajiet oħra ta' kontroll tal-Kummissjoni 37

Id-dħul ta' annimali u oġġetti fl-UE 38

Residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji u ta' kontaminanti ambjentali fl-annimali u fil-prodotti li joriġinaw mill-annimali 39

Segwitu sistematiku tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditi 40

Awditi ta' segwitu ġenerali 41

Profili tal-pajjiżi 42

Infurzar **43**

Appoġġ għall-pajjiżi tal-UE **45**

Networks 46

Taħriġ imtejjeb għal iżjed sikurezza fl-ikel 48

Konklużjonijiet **50**

Sommarju eżekuttiv

Dan ir-rapport ikopri l-operat ġenerali tal-kontrolli uffiċjali tal-pajjiżi tal-UE u l-attivitajiet ta' kontroll tal-Kummissjoni mwettqa fl-2019 u fl-2020 biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u fiduċja fil-katina alimentari, mill-għalqa sal-platt. Dawn il-kontrolli u l-awditi huma importanti biex jiġi vverifikat li n-negozji qegħdin jikkonformaw mar-rekwiżiti ġuridiċi u biex il-konsumaturi Ewropej ikunu jistgħu jkunu fiduċjużi li l-ikel li jikkonsmaw huwa sikur. Huma wkoll kruċjali biex jippermettu l-operat bla xkiel tal-kummerċ sikur tal-ikel, tal-annimali u tal-pjanti, kemm fl-UE kif ukoll ma' pajjiżi li ma humiex fl-UE.

L-awtoritajiet nazzjonali huma responsabbli għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali bbażati fuq ir-riskju. Jekk in-negozji tul il-katina alimentari ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni rilevanti, l-awtoritajiet huma meħtieġa jinfurzaw ir-rekwiżiti, filwaqt li jiżguraw li n-negozji jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti.

Is-servizzi tal-Kummissjoni jikkontrollaw l-implimentazzjoni mill-pajjiżi tal-UE tal-kontrolli uffiċjali u tal-attivitajiet ta' infurzar. Ir-rapporti minn dawn il-kontrolli, ippubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni, jipprovdu stampa ċara tal-prestazzjoni tal-pajjiżi tal-UE u huma parti sinifikanti mill-proċess ta' rieżami li jiżgura li l-leġiżlazzjoni tal-UE tkun "adattata għall-iskop tagħha".

Il-kontrolli tal-Kummissjoni juru li, b'mod ġenerali, il-pajjiżi tal-UE għandhom is-sistemi meħtieġa fis-seħħ biex jimmonitorjaw u jiżguraw li n-negozji jkunu qed jimplimentaw ir-rekwiżiti tal-UE u biex jieħdu azzjoni fejn ikun hemm kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità. F'xi pajjiżi, il-kontrolli identifikaw nuqqasijiet fis-sistemi ta' kontroll uffiċjali, u indikaw li kien hemm lok għal titjib.

Il-Kummissjoni ssegwi b'mod sistematiku r-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar tagħha lill-pajjiżi tal-UE u, fejn meħtieġ, tagħmel użu minn għodod oħra ta' infurzar. Barra minn hekk, hija tappoġġa lill-pajjiżi tal-UE billi tipprovdi assistenza teknika u taħriġ permezz tal-inizjattiva Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel u laqgħat tekniċi tal-esperti tal-pajjiżi tal-UE.

Għall-ewwel darba, il-pajjiżi tal-UE rrapportaw ir-riżultati tal-kontrolli tagħhom tal-2020 f'format elettroniku armonizzat. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali żviluppaw dokument ta' gwida biex jappoġġaw dan. Madankollu, mhux il-pajjiżi kollha ppreżentaw id-*data* kollha tagħhom fil-format meħtieġ, u wieħed ma rrapporta xejn. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-awtoritajiet nazzjonali biex ittejjeb il-kompletezza tad-*data* għal rapporti annwali futuri.

Matul l-2020, il-pandemija tal-COVID-19 ħolqot sfidi għall-awtoritajiet nazzjonali u għall-Kummissjoni biex ilestu l-kontrolli u l-awditi tagħhom. Il-fatt li mill-inqas uħud minn dawn il-kontrolli u l-awditi twettqu mill-bogħod serva biex jinżamm il-fluss sikur tal-annimali, tal-pjanti u tal-oġġetti u evita li jkun hemm nuqqas ta' provvista bil-kundizzjonijiet mhux tas-soltu tal-COVID-19.

Introduzzjoni

L-UE għandha l-għan li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u fiduċja fl-oqsma tas-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, it-trattament xieraq tal-annimali, il-biedja organika u l-iskemi ta' oriġini ġeografika (denominazzjoni ta' oriġini protetta, indikazzjoni ġeografika protetta, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti, DOP/IĠP/STG). In-nies li jgħixu fl-UE jistennew bir-raġun standards għoljin f'dawn l-oqsma.

Hemm qafas ġuridiku komprensiv tal-UE fis-seħħ biex jiżgura kontrolli konsistenti tul il-katina tal-ikel u tal-għalf, mill-għalqa sal-platt, u monitoraġġ xieraq, filwaqt li jiġi żgurat suq uniku effettiv u kummerċ ma' pajjiżi mhux tal-UE.

Wieħed mill-pilastri tal-politika integrata tal-UE dwar is-sikurezza tal-ikel mill-għalqa sal-platt huwa li kull pajjiż tal-UE jrid ikollu sistema ta' kontroll[1] uffiċjali effettiva, ibbażata fuq ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali[2], biex jivverifika u, fejn meħtieġ, jinforza l-konformità tan-negozji mal-istandards tal-UE tul il-katina tal-ikel u tal-għalf. Il-pajjiżi tal-UE jridu jfasslu pjanijiet ta' kontroll pluriennali (MANCPs) li jkopru l-oqsma kollha regolati mil-leġiżlazzjoni agroalimentari tal-UE.

Il-Kummissjoni għandha rwol importanti fil-qafas ta' kontroll ġenerali fil-livell tal-UE[3] u twettaq kontrolli, inklużi awditi, fil-pajjiżi tal-UE biex tivverifika li l-awtoritajiet nazzjonali tagħhom ikunu qed jissodisfaw l-obbligi ta' kontroll tagħhom.

Il-pajjiżi tal-UE jridu jippreżentaw rapport annwali lill-Kummissjoni[4] dwar l-implimentazzjoni tal-kontrolli uffiċjali tagħhom f'konformità mal-MANCP tagħhom.

Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni tfassal rapport[5] dwar l-operat tal-kontrolli uffiċjali fil-pajjiżi tal-UE, filwaqt li tqis:

---

1 "kontroll uffiċjali" tfisser kwalunkwe attività mwettqa mill-awtorità kompetenti f'pajjiż tal-UE biex tivverifika l-konformità mal-liġi dwar l-ikel u l-għalf, ir-regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li l-annimali u l-oġġetti jissodisfaw ir-rekwiżiti.

2 Ir-Regolament (UE) 2017/625.

3 L-Artikolu 116 tar-Regolament (UE) 2017/625.

4 L-Artikolu 113(1) tar-Regolament (UE) 2017/625.

5 L-Artikolu 114 tar-Regolament (UE) 2017/625.

- ir-rapporti annwali ppreżentati mill-awtoritajiet nazzjonali dwar l-attivitajiet ta' kontroll tagħhom;

- l-eżitu tal-kontrolli tal-Kummissjoni mwettqa fil-pajjiżi tal-UE.

Dan ir-rapport ikopri s-snin 2019[6] u 2020. Dan jikkonsisti f'rieżami ta':

- ir-rapporti annwali tal-pajjiżi tal-UE li jkopru s-snin 2019 u 2020;
- l-attivitajiet ta' kontroll tal-Kummissjoni fil-pajjiżi tal-UE;
- l-azzjonijiet ta' segwitu u ta' infurzar tal-Kummissjoni u l-appoġġ ipprovdut lill-awtoritajiet nazzjonali.

Dan jipprovdi kompilazzjoni ta' *data* komparabbli fl-istatistika madwar l-UE għas-sena 2020. Din id-*data*, maż-żmien, se tippermetti li jiġu identifikati x-xejriet fil-kontrolli u l-kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità.

Ir-rapport huwa akkumpanjat minn dokument ta' ħidma tal-persunal li jipprovdi aktar dettall dwar il-kontrolli u l-awditi mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali u mill-Kummissjoni fl-oqsma tal-katina alimentari li jaqgħu taħt ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali.

[6] Ir-rekwiżit għall-pajjiżi tal-UE li jippreżentaw ir-rapporti annwali tagħhom permezz tal-mudell tal-formola standard il-ġdid beda japplika mis-sena 2020. Ir-rekwiżiti ta' rapportar għall-2019 kienu skont ir-Regolament preċedenti. Peress li l-2019 kienet sena tranżizzjonali bejn iż-żewġ verżjonijiet, dan ir-rapport jikkombina s-sentejn li huma.

Qafas ġuridiku

Skont il-"Liġi Ġenerali dwar l-Ikel"[7], in-negozji tul il-katina alimentari għandhom ir-responsabbiltà primarja li jiżguraw li l-ikel ikun sikur. Regolamenti speċifiċi tal-UE jittrattaw ir-rekwiżiti għall-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi[8] u għal skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (DOP/IĠP/STG)[9].

Il-pajjiżi tal-UE huma obbligati jivverifikaw li n-negozji jirrispettaw il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE, u jinfurzaw dan fejn ikun meħtieġ. L-MANCPs tagħhom jiddeskrivu s-sistemi ta' kontrolli uffiċjali għal dan il-għan.

Ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali jistabbilixxi r-rekwiżiti għal dawn is-sistemi ta' kontroll, għall-MANCP[10] u għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali. L-aktar rekwiżiti rilevanti relatati mas-sistemi ta' kontrolli uffiċjali u mal-MANCP huma kif ġej:

- l-ambitu jinkludi:

— l-ikel u s-sikurezza tal-ikel,

— ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi ġenetikament modifikati (OĠM) għall-fini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-għalf,

— l-għalf u s-sikurezza tal-għalf,

— is-saħħa tal-annimali,

— il-prodotti sekondarji mill-annimali,

— it-trattament xieraq tal-annimali,

— is-saħħa tal-pjanti,

— il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti,

— il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi,

[7] Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002.

[8] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi.

[9] Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel.

[10] L-Artikoli 109, 110 u 111 tar-Regolament (UE) 2017/625.

— l-użu u t-tikkettar tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti, l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, u l-ispeċjalitajiet tradizzjonali, u


— ksur intenzjonali tar-regoli mwettaq permezz ta' prattiki frawdolenti jew qarrieqa;

- l-awtoritajiet nazzjonali jridu jiddeskrivu l-objettivi strateġiċi tagħhom u l-kategorizzazzjoni tar-riskju tal-kontrolli uffiċjali fl-MANCP tagħhom;

- l-MANCP jeħtieġ li jsir disponibbli għall-pubbliku, b'ċerti eċċezzjonijiet limitati.

Ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali jinkludi dispożizzjonijiet għal titjib kontinwu tal-kontrolli uffiċjali[11]. L-Illustrazzjoni 1 turi kif ir-riżultati tal-kontrolli uffiċjali huma importanti biex jappoġġaw lill-pajjiżi tal-UE jivvalutaw l-effettività tas-sistema ta' kontroll tagħhom u biex isir it-titjib kif meħtieġ. Barra minn hekk, bidliet fil-leġiżlazzjoni, kwistjonijiet li jitfaċċaw u informazzjoni dwar is-suq jistgħu jirriżultaw f'bidliet fil-pjan ta' kontroll.

Illustrazzjoni 1 – sistemi ta' kontroll uffiċjali - ċiklu ta' titjib kontinwu



[11] L-Artikoli 5(1)(a), 6(1), 12(2), 12(3), 109, 110 u 111 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali jirrikjedi li l-Kummissjoni[12] twettaq kontrolli fil-pajjiżi tal-UE, li jridu jirrettifikaw kwalunkwe kwistjoni identifikata f'dawn[13].

Il-pajjiżi tal-UE jridu jippreżentaw ir-rapporti annwali tagħhom f'format elettroniku biex ikomplu jiffaċilitaw il-kompilazzjoni tad-*data*. Il-Kummissjoni ħolqot mudell ta' formola standard[14] għal dan il-għan, b'ħidma mal-awtoritajiet nazzjonali. Il-Kummissjoni żviluppat pjattaforma diġitali ddedikata biex jiġu ppreżentati r-rapporti annwali f'dan il-format il-ġdid. Barra minn hekk, in-network immexxi mill-Kummissjoni tar-rappreżentanti tal-pajjiżi tal-UE dwar il-funzjonament tal-MANCP żviluppa nota ta' gwida[15] dwar kif għandha timtela l-formola, biex tgħin lill-awtoritajiet nazzjonali jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda ta' rapportar.

Il-mudell tal-formola jkopri informazzjoni dwar emendi għall-MANCP, ir-riżultati tal-kontrolli uffiċjali, il-kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità identifikati, u l-miżuri meħuda biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-MANCPs.

L-għan tal-format standardizzat huwa li:

- jiżgura l-preżentazzjoni uniformi tar-rapporti annwali tal-pajjiżi tal-UE;
- jintegra rekwiżiti ta' rapportar eżistenti oħrajn; u
- jiffaċilita l-ġbir u t-trażmissjoni ta' *data* komparabbli, il-kompilazzjoni ta' dawn fl-istatistika madwar l-UE u t-tħejjija ta' rapporti tal-Kummissjoni dwar l-operat tal-kontrolli uffiċjali madwar l-UE.

L-awtoritajiet nazzjonali użaw il-formola elettronika u armonizzata għall-ewwel darba biex jirrapportaw dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa fl-2020.

Il-pajjiżi tal-UE jridu jwettqu l-kontrolli uffiċjali tagħhom b'livell għoli ta' trasparenza. Mill-inqas darba fis-sena, iridu jippubblikaw l-informazzjoni rilevanti dwar l-organizzazzjoni u t-twettiq ta' dawn il-kontrolli. Huma jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu dan billi jippubblikaw ir-rapport annwali ppreżentat lill-Kummissjoni.

[12] L-Artikolu 116 tar-Regolament (UE) 2017/625.

[13] L-Artikolu 119 tar-Regolament (UE) 2017/625.

[14] Ir-Regolament (UE) 2019/723 dwar il-mudell tal-formola standard li għandu jintuża għar-rapporti annwali mressqa mill-Istati Membri

[15] L-Avviż tal-Kummissjoni dwar dokument ta' gwida dwar kif għandu jimtela l-mudell tal-formola standard.

Matul il-pandemija tal-COVID-19, kien hemm restrizzjonijiet fuq il-moviment prattikament fil-pajjiżi kollha tal-UE. Dawn kellhom impatt negattiv fuq il-kapaċità tal-pajjiżi li jiskjeraw persunal għall-kontrolli uffiċjali, b'mod partikolari dawk li kienu jirrikjedu preżenza fiżika fuq il-post, analiżijiet tal-laboratorju għal finijiet ta' kontroll, jew l-iffirmar u l-ħruġ ta' ċertifikati uffiċjali stampati. F'Marzu tal-2020, il-Kummissjoni implimentat miżuri temporanji[16] sabiex iżżomm il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern tal-UE u biex tiżgura ċ-ċirkolazzjoni libera tal-oġġetti. Dawn iffaċilitaw:

- l-awtorizzazzjoni ta' individwi biex iwettqu kontrolli uffiċjali;
- l-użu ta' *data* elettronika u l-aċċettazzjoni ta' kopji taċ-ċertifikati;
- l-użu ta' vidjokonferenzi u ta' għodod oħra ta' komunikazzjoni mill-bogħod għall-kontrolli uffiċjali.

[16] Ir-Regolament (UE) 2020/466 dwar miżuri temporanji matul ċertu tfixkil serju tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri minħabba l-marda tal-coronavirus (il-COVID-19).

Parti 1

Kontrolli uffiċjali mwettqa mill-pajjiżi tal-UE

1
Ħarsa ġenerali

Il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-ikel mill-għalqa sal-platt jikkonsistu f'diversi ktajjen, li jkopru firxa wiesgħa ta' oqsma u attivitajiet.

It-Tabella 1 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-għadd totali ta' entitajiet fil-katina alimentari, il-kontrolli uffiċjali mwettqa, il-kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità identifikati, is-sanzjonijiet amministrattivi u l-azzjonijiet ġudizzjarji meħuda tul il-katina alimentari, fl-2020, fil-livell tal-UE[17].

Tabella 1 – kontrolli uffiċjali – 2020 – ċifri ġenerali

Entitajiet totali fil-katina alimentari	Kontrolli uffiċjali mwettqa	Kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità identifikati	Sanzjonijiet amministrattivi applikati	Azzjonijiet ġudizzjarji meħuda
16 834 486	**4 125 695**	**654 955**	**388 268**	**12 699**

L-Illustrazzjoni 2 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-pajjiżi tal-UE fl-2020, mill-għalqa sal-platt[18]. Din turi l-għadd ta' operaturi, il-kontrolli uffiċjali mwettqa, il-kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità identifikati u s-sanzjonijiet amministrattivi applikati, maqsuma skont l-attivitajiet differenti fil-katina alimentari[19].

It-Tabella 2 turi l-ewwel ħames setturi tal-katina alimentari, f'ċifri assoluti, għan-numru ta' entitajiet, il-kontrolli uffiċjali mwettqa, il-kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità identifikati u s-sanzjonijiet amministrattivi applikati.

[17] Iċ-ċifri huma t-total ta' 26 pajjiż tal-UE, peress li Malta ma bagħtitx ir-rapport annwali tagħha sal-iskadenza.


[18] Din iċ-ċifra ma tinkludix il-kontrolli relatati mas-saħħa tal-pjanti (jiġifieri l-ħruġ ta' passaporti tal-pjanti u l-applikazzjoni tal-marka ISPM15 għall-imballaġġ tal-injam biex turi li ġie ttrattat biex jiġi evitat it-tixrid ta' insetti, żrieragħ u fungi), il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-użu sostenibbli tal-pestiċidi barra mill-agrikoltura.

[19] L-awtoritajiet nazzjonali ma għandhomx għalfejn jirrapportaw l-għadd ta' entitajiet attivi fit-trasport tal-annimali; id-*data* mitluba għall-kontrolli uffiċjali u l-kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità għall-biċċeriji u l-istabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa kienet l-għadd ta' karkassi jew il-piż, u għalhekk ma jistax jintuża total.

Id-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport[20] jipprovdi analiżi ulterjuri ta' dawn iċ-ċifri fl-oqsma differenti tal-katina alimentari.





[20] Id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja d-dokument: ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-operazzjoni ġenerali tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fil-pajjiżi tal-UE (2019-2020) biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, regoli dwar is-saħħa u l-benessri tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

Illustrazzjoni 2 – Kontrolli uffiċjali mwettqa mill-pajjiżi tal-UE - 2020



	Biedja - pjanti	#	Għadd ta' operaturi
	Biedja - annimali		Għadd ta' kontrolli uffiċċjali
	Biedja - imħallta		Għadd ta' kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità
	Akkwakultura		Għadd ta' sanzjonijiet amministrattivi
	Sajd		
	Kaċċa		
	Għalf għall-Annimali		
	Trasport tal-annimali		
	Biċċeriji u stabbilimenti li jipproċessaw il-kaċċa		
	Produzzjoni tal-ikel		
	Ipproċessar ta' prodotti sekondarji tal-annimali		
	Distribuzzjoni tal-ikel		
	Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut		
	Servizz alimentari		
	Produtturi tal-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel		

Tabella 2 – Kontrolli uffiċjali 2020 – ħarsa ġenerali

Entitajiet		Biedja	8 233 476
		Bejgħ bl-ingrossa tal-ikel	3 957 451
		Servizz alimentari	2 509 326
		Produzzjoni tal-ikel	1 234 557
		Għalf għall-annimali	248 634
Kontrolli uffiċjali		Trasport tal-annimali	969 746
		Bejgħ bl-ingrossa tal-ikel	850 550
		Servizz alimentari	844 865
		Produzzjoni tal-ikel	730 057
		Biedja	443 684
Kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità		Servizz alimentari	226 092
		Bejgħ bl-ingrossa tal-ikel	167 746
		Produzzjoni tal-ikel	117 313
		Biedja	92 280
		Trasport tal-annimali	16 793
Sanzjonijiet amministrattivi		Bejgħ bl-ingrossa tal-ikel	131 761
		Servizz alimentari	112 787
		Produzzjoni tal-ikel	70 329
		Biedja	51 243
		Trasport tal-annimali	7 787

2
Ir-rapporti annwali tal-pajjiżi tal-UE

L-użu tal-mudell[21] tal-formola standard il-ġdid fuq il-pjattaforma diġitali jiffaċilita r-rapportar, b'mezzi elettroniċi u b'mod uniformi, tal-eżitu tal-kontrolli uffiċjali, it-tip u l-għadd ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità u l-miżuri meħuda. Dan jippermetti li dawn jiġu kkompilati b'mod aktar faċli fl-istatistika madwar l-UE.

L-iskadenza ġuridika għas-sottomissjoni tar-rapport elettroniku hija l-31 ta' Awwissu. Minħabba li din il-pjattaforma ntużat għall-ewwel darba għar-rapporti annwali tal-2020, il-pjattaforma nfetħet mill-ġdid fil-15 ta' Ottubru 2021 biex tippermetti rapportar tard. Minkejja dan, Malta ma ssottomettietx ir-rapport tagħha fil-ħin biex tiġi inkluża f'dan ir-rapport.

Minħabba l-bidla fir-rapportar, xi pajjiżi tal-UE ltaqgħu ma' problemi fil-ġbir tad-*data* fil-format meħtieġ. Kien ukoll aktar diffiċli għall-pajjiżi tal-UE li jqabblu r-riżultati tal-kontrolli tagħhom ma' dawk mis-snin preċedenti.

Il-pjattaforma tar-rapport fiha xi kaxxi testwali biex jiddeskrivu s-suġġetti rilevanti. L-awtoritajiet nazzjonali pprovdew inqas informazzjoni milli fir-rapporti tas-snin preċedenti, u inqas minn dak previst fin-nota ta' gwida.

Fir-rigward tat-trattament xieraq tal-annimali, b'mod ġenerali, il-pajjiżi tal-UE la pprovdew analiżi tal-aktar sejbiet serji, u lanqas il-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom biex jipprevjenu jew inaqqsu r-rikorrenza. Dan jagħmilha impossibbli għall-Kummissjoni li tipprovdi sommarju f'dak ir-rigward.

Bl-istess mod, l-informazzjoni pprovduta dwar il-kontrolli mmirati lejn prattiki frawdolenti u qarrieqa kienet limitata ħafna.

[21] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/723.

3

L-organizzazzjoni u l-prestazzjoni tas-sistemi ta' kontrolli uffiċjali

Il-pajjiżi tal-UE stabbilew sistemi ta' kontrolli uffiċjali biex jivverifikaw l-applikazzjoni tal-qafas ġuridiku min-negozji tal-ikel u tal-għalf.

Fl-MANCPs tagħhom, l-awtoritajiet nazzjonali stabbilew l-objettivi strateġiċi tagħhom. Il-gwida għat-tlestija tar-rapporti annwali tagħhom titlobhom jinkludu tabella bir-riżultati tal-indikaturi tal-prestazzjoni użati għall-kejl ta' dawn l-objettivi. Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE ma pprovdewx tali ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-indikaturi tagħhom. Xi eżempji pożittivi li wieħed għandu jinnota huma kif ġej:

- Il-Belġju jinkludi l-barometri għas-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti fir-rapport pubbliku annwali tiegħu (sas-sena ta' rapportar tal-2019, dan kien ir-rapport mibgħut lill-Kummissjoni). It-tqabbil tar-riżultati tal-barometru għal snin differenti jippermetti lill-qarrejja jaraw jekk is-sitwazzjoni f'dawn l-oqsma hijiex qed titjieb jew le.

- Il-Finlandja pprovdiet xi eżempji ta' kif ir-riżultati tal-kontrolli uffiċjali jistgħu jwasslu għal bidliet fil-miri jew fl-objettivi:

    - l-għadd kbir ta' nuqqasijiet osservati fit-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport wassal għal żieda fil-frekwenza tal-kontrolli uffiċjali fuq it-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport;

    - għall-kampjunar tal-fertilizzanti, l-għadd ta' nuqqasijiet li identifikaw kien relattivament għoli meta mqabbel mal-għadd baxx ta' kampjuni meħuda, li jagħti indikazzjoni ta' mmirar tal-kontrolli bbażat fuq ir-riskju b'suċċess;

    - is-sorveljanza tas-suq tal-kummerċ taż-żrieragħ uriet inqas nuqqasijiet meta mqabbla mas-snin preċedenti. Min-naħa l-oħra, madwar 30 % tal-każijiet wasslu għal sanzjonijiet, li wrew titjib fl-effettività tal-kontrolli.

Il-pajjiżi kollha tal-UE ffaċċjaw problemi fl-implimentazzjoni tal-programmi sħaħ ta' spezzjoni, minħabba r-restrizzjonijiet stabbiliti biex irażżnu l-pandemija tal-COVID-19.

Fatturi oħra li wasslu biex l-awtoritajiet nazzjonali ma jimplimentawx kompletament il-programmi ppjanati tagħhom kienu jinkludu l-livelli tal-persunal, ir-riżorsi u t-tħejjijiet għall-Brexit.

Kontrolli uffiċjali matul pandemija

Ir-restrizzjonijiet varji stabbiliti biex irażżnu t-tixrid tal-COVID-19 u l-impatt li dawn kellhom fuq l-użu tar-riżorsi tal-persunal, għamluha aktar diffiċli għall-pajjiżi tal-UE biex iwettqu l-kontrolli uffiċjali kollha kif kien ippjanat inizjalment għall-2020. Filwaqt li kien hemm flessibbiltà fil-mod kif għandhom jitwettqu l-kontrolli uffiċjali, l-awtoritajiet nazzjonali kellhom jerġgħu jikkunsidraw il-pjanijiet ta' kontinwità tan-negozju tagħhom u jipprijoritizzaw l-attivitajiet ta' kontroll meqjusa bħala assolutament essenzjali filwaqt li jindirizzaw il-bidliet xprunati mill-pandemija fit-tqegħid tal-ikel fis-suq tal-UE, bħaż-żieda fil-kummerċ elettroniku u fis-servizzi tat-take-away.

L-azzjonijiet meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali kienu jinkludu:

- il-posponiment u/jew it-tnaqqis tal-għadd ta' kontrolli mwettqa f'ċerti oqsma (abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju);
- it-tnaqqis tal-ħin meħtieġ fuq il-post billi l-parti dokumentarja tal-kontroll titwettaq mill-bogħod;
- l-użu ta' tekniki tal-awditjar mill-bogħod.

4

Miżuri meħuda biex jiġi żgurat l-operat effettiv tal-MANCP

L-objettiv tal-MANCP huwa li jiġi żgurat li l-kontrolli uffiċjali jitwettqu b'mod li jkun ibbażat fuq ir-riskju u effiċjenti tul il-katina agroalimentari kollha, f'konformità mar-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali.

Meta l-kontrolli uffiċjali jidentifikaw kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità, l-awtoritajiet nazzjonali jeħtieġ li jieħdu azzjoni biex jiżguraw li n-negozju jirrimedja l-kwistjoni u jipprevjeni okkorrenzi ulterjuri[22].

L-awtoritajiet nazzjonali huma meħtieġa wkoll jivverifikaw l-operat effettiv tas-sistema ta' kontrolli uffiċjali, u jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa biex jirrettifikaw kwalunkwe nuqqas identifikat fis-sistemi ta' kontroll tagħhom[23].

[22] L-Artikolu 138 tar-Regolament (UE) 2017/625.

[23] L-Artikolu 12 (2) u (3) tar-Regolament (UE) 2017/625.

4.1
Azzjonijiet biex tiġi żgurata l-konformità tan-negozji

Xi rapporti annwali pprovdew eżempji ta' azzjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali.

Il-pajjiżi tal-UE jmexxu kampanji ta' informazzjoni pubblika u jipprovdu gwida u taħriġ lin-negozji, biex jgħinuhom jikkonformaw mar-regoli dwar is-sikurezza tal-ikel.

Il-Belġju, in-Netherlands u l-Iżvezja jinkludu r-riżultati ta' skemi privati ta' assigurazzjoni (parti terza) fis-sistemi ta' kontrolli uffiċjali tagħhom. Il-Belġju u l-Finlandja nnotaw li r-riżultati tal-ispezzjoni huma aħjar fin-negozji ċċertifikati taħt dawn l-iskemi.

Il-Finlandja tippubblika rapporti speċifiċi għas-settur. Din innotat li modi ewlenin għat-titjib tal-effettività jinkludu ż-żieda fl-interazzjoni mal-partijiet interessati kollha. B'riżultat ta' dan, il-kontrolli uffiċjali u r-riżultati ppubblikati tagħhom jikkontribwixxu għat-titjib tal-kundizzjonijiet operattivi u tal-kompetittività tal-kumpaniji, pereżempju, billi jappoġġaw il-kapaċità tagħhom li jinvolvu ruħhom fil-kummerċ internazzjonali u permezz tal-prevenzjoni proattiva tal-problemi.

Il-Polonja tippubblika informazzjoni fil-qosor tar-riżultati tal-kontrolli mwettqa mill-Ispettorat tal-Kummerċ tagħha. Din iżżid suġġerimenti prattiċi għall-konsumaturi dwar kif għandhom jagħżlu l-prodotti u biex jiġi evitat li jiġu mqarrqa. Din tippubblika wkoll deċiżjonijiet amministrattivi li jimponu multi fuq in-negozji għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti ta' kwalità kummerċjali insuffiċjenti, inklużi prodotti adulterati.


4.2
Infurzar mill-awtoritajiet nazzjonali

Il-pajjiżi tal-UE japplikaw firxa ta' azzjonijiet ta' infurzar, minn twissijiet verbali u bil-miktub, sa sekwestru u qerda ta' oġġetti u t-tneħħija (temporanja) jew ir-restrizzjoni tal-approvazzjonijiet tan-negozji. Il-multi amministrattivi jintużaw bħala miżura dissważiva. Ir-rinviju lill-Qorti jibqa' l-aħħar alternattiva.

L-awtoritajiet nazzjonali jrid ikollhom sanzjonijiet/penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fis-seħħ[24].


It-Tabella 3 turi l-għadd ta' sanzjonijiet amministrattivi applikati fil-partijiet differenti tal-katina alimentari. It-Tabella 4 turi dawn is-sanzjonijiet fl-oqsma differenti u t-Tabella 5 turi l-għadd ta' azzjonijiet ġudizzjarji meħuda fl-oqsma differenti.

Tabella 3 – sanzjonijiet amministrattivi – attivitajiet - 2020




[24] L-Artikoli 54 u 55 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 (sal-14 ta' Diċembru 2019) u 137, 138 u 139 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Tabella 4 – Sanzjonijiet amministrattivi – oqsma - 2020



	Rilaxx deliberat fl-ambjent ta' OĠM	Prodotti sekondarji tal-annimali: Prevenzjoni u minimizzazzjoni tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali	Miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti	Għalf u sikurezza tal-għalf	Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti - Użu sostenibbli tal-pestiċidi	Użu u tikkettar tad-DOP/IĠP/STG	Saħħa tal-annimali	Trattament xieraq tal-annimali	Ikel u sikurezza alimentari (inklużi l-biedja, il-kaċċa u s-sajd)
Amministrattivi	86	2904	3401	13239	14331	15427	22658	29944	307756

Tabella 5 – Azzjonijiet ġudizzjarji meħuda - 2020



	Rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' OĠM għall-fini tal-produzzjoni tal-ikel u tal-għalf	Miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti	Prodotti sekondarji tal-annimali: Prevenzjoni u minimizzazzjoni tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali	Użu u tikkettar tad-DOP/IĠP/STG	Għalf u sikurezza tal-għalf	Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti - użu sostenibbli tal-pestiċidi	Saħħa tal-annimali	Trattament xieraq tal-annimali	Ikel u sikurezza tal-ikel (inklużi l-biedja, il-kaċċa u s-sajd)
Ġudizzjarji	0	36	130	211	581	701	927	2196	9687

4.3
Azzjonijiet meħuda biex jiġi żgurat l-operat effettiv tas-servizzi tal-kontrolli uffiċjali

Il-pajjiżi tal-UE jridu iwettqu awditi fuq is-sistemi ta' kontroll tagħhom stess, jew ikollhom awditi mwettqa fuqhom infushom, u jkollhom fis-seħħ proċeduri[25] ta' verifika ta' kontroll biex jiżguraw il-konformità u li s-sistemi tal-kontrolli jkunu effettivi.

Ir-rapporti annwali kienu jinkludu informazzjoni limitata dwar dawn l-awditi u attivitajiet oħra ta' verifika li jivvalutaw l-effettività tas-sistemi tal-kontrolli uffiċjali.

L-Iżvezja ddeskriviet xi benefiċċji mill-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet differenti. L-istadju inizjali tal-prattika tajba ta' kontroll iffoka fuq żewġ oqsma, jiġifieri l-proċedura ta' kontroll u l-etika fir-rwol tal-impjieg. Dawn żviluppaw linji gwida u kors ta' taħriġ online. Wieħed mill-għanijiet ġenerali huwa li l-awtoritajiet li jikkooperaw jieħdu responsabbiltà konġunta għall-katina alimentari kollha, inkluż li jkunu ppreparati għal avvenimenti mhux ippjanati u mhux previsti. Il-prattika tajba ta' kontroll tinvolvi bidla lejn kultura ta' kontroll differenti u l-ħolqien ta' sistema għall-ekwivalenza bejn is-sistemi tagħhom.

Sabiex tiġi żgurata l-effettività tas-sistema tal-kontrolli uffiċjali tagħha, il-Ġermanja inkludiet tliet objettivi operazzjonali fl-MANCP, relatati mal-istandard professjonali tal-awditi, mal-ippjanar tal-awditjar iffukat fuq ir-riskju u mal-effettività tal-kontrolli uffiċjali.

[25] L-Artikoli 6 u 12 tar-Regolament (UE) 2017/625

Parti 2

Attivitajiet ta' kontroll tal-Kummissjoni fil-pajjiżi tal-UE

1
Awditi



Id-Direttorat għall-Awditi u l-Analiżi tal-Ikel u tas-Saħħa fid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari jivverifika jekk il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, is-saħħa tal-annimali, it-trattament xieraq tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti, il-biedja organika u l-iskemi tal-oriġini ġeografika (DOP/IĠP/STG) hijiex implimentata u infurzata kif xieraq fil-pajjiżi tal-UE. L-għodda ewlenija użata hija l-awditu.

Aħna nwettqu dawn il-kontrolli fuq bażi regolari u f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiżi tal-UE.

Element wieħed frekwenti tal-awditi huwa l-verifika fuq il-post, fejn l-esperti tal-Kummissjoni jinvolvu ruħhom mal-awtoritajiet kompetenti li jwettqu kontrolli uffiċjali. L-esperti mill-pajjiżi tal-UE jassistu regolarment lill-esperti tal-Kummissjoni f'dan il-kompitu.

Dawn il-kontrolli għandhom l-għan li:

- jivverifikaw l-applikazzjoni tal-liġi dwar l-ikel u l-għalf, ir-regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, il-prodotti sekondarji tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, l-organiżmi ġenetikament modifikati, il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi, l-użu u t-tikkettar tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti, l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u l-ispeċjalitajiet tradizzjonali;
- jivverifikaw il-funzjonament u l-organizzazzjoni tas-sistemi ta' kontrolli nazzjonali u tal-awtoritajiet kompetenti;
- jinvestigaw u jiġbru informazzjoni
  - dwar kontrolli uffiċjali u prattiki ta' infurzar;
  - dwar problemi importanti jew rikorrenti bl-applikazzjoni jew bl-infurzar tar-regoli;

— fir-rigward ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza, problemi li jitfaċċaw jew żviluppi ġodda.

ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAS-SAĦĦA U S-SIKUREZZA ALIMENTARI

DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA U L-IKEL - AWDITI U ANALIŻI



Aħna nippubblikaw il-programm ta' ħidma annwali tagħna, u aġġornament ta' nofs is-sena, fuq is-sit web tal-Kummissjoni.



Ara l-vidjos qosra tagħna biex tara kif norganizzaw ix-xogħol tagħna tal-awditjar u tal-analiżi u kif dan huwa ta' benefiċċju għan-nies fl-UE.

Il-programmi[26] ta' awditu u analiżi tal-2019-2020 iffokaw fuq:


- ir-reżistenza għall-antimikobiċi;
- it-tħejjija, il-prevenzjoni u r-rispons aħjar għat-theddid għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti;
- l-ikel u s-sistemi ta' produzzjoni tal-ikel sikuri u sostenibbli;
- l-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ikel;
- produzzjoni sostenibbli tal-ikel li ttejjeb it-trattament xieraq tal-annimali;
- kontrolli effettivi, effiċjenti u affidabbli.

Fl-2019 u l-2020, wettaqna 170 awditu u kontroll simili fuq is-sistemi ta' kontrolli uffiċjali tal-pajjiżi tal-UE.


Iċ-Ċart 1 turi l-għadd ta' awditi mwettqa mifruxa madwar il-pajjiżi tal-UE. Iċ-Ċart 2 turi l-għadd ta' awditi għal kull qasam ta' kontroll.

[26] Il-programmi ta' ħidma huma ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

Ċart 1 – Awditi mwettqa – pajjiżi tal-UE – 2019-2020



Ċart 2 – Awditi mwettqa għal kull qasam ta' kontroll – 2019-2020



Ir-rapporti tal-awditi individwali huma disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

Il-kontrolli tal-Kummissjoni matul pandemija

Ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar imposti minħabba l-pandemija tal-COVID-19 kienu jeħtieġu riflessjoni mill-ġdid dwar il-mod kif inwettqu l-kontrolli tagħna u l-użu ta' metodi ta' awditjar mill-bogħod f'ċerti oqsma.

Total ta' 43 mill-awditi ta' bejn l-2019 u l-2020 twettqu kompletament mill-bogħod, inkluż permezz ta' vidjokonferenzi minflok laqgħat wiċċ imb wiċċ. Dawn ipprovdew ċertu livell ta' evidenza. Madankollu, ma kienx possibbli li jsiru żjarat mill-bogħod fil-faċilitajiet tal-operaturi tan-negozju biex tiġi aċċertata l-implimentazzjoni tal-kontrolli uffiċjali.

Ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali jirrikjedi li l-Kummissjoni tfassal programm[27] ta' kontroll annwali jew pluriennali biex tivverifika kif il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-

[27] L-Artikolu 118 tar-Regolament (UE) 2017/625.

katina agroalimentari qiegħda tiġi implimentata fil-pajjiżi tal-UE. Il-programm għall-2021-2025[28] ġie adottat fit-23 ta' Ottubru 2020.

[28] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1550 li tistabbilixxi l-programm pluriennali ta' kontrolli għall-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2025 li għandhom jitwettqu mill-esperti tal-Kummissjoni fl-Istati Membri biex jivverifikaw l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-katina agroalimentari.


2

Rakkomandazzjonijiet

B'mod ġenerali, l-awditi tagħna jwasslu għal rakkomandazzjonijiet għal azzjoni korrettiva. Il-pajjiżi tal-UE huma meħtieġa jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa biex jindirizzawhom[29] u jiddeskrivuhom fil-pjanijiet ta' azzjoni.

Il-kontrolli mwettqa bejn l-2019 u l-2020 irriżultaw f'total ta' 527 rakkomandazzjoni lill-pajjiżi tal-UE. Iċ-Ċart 3 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn dawn għal kull settur. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament jipprovdi diżaggregazzjoni ulterjuri taċ-ċifri fuq l-oqsma awditjati differenti.

Ċart 3 – rakkomandazzjonijiet magħmula fuq is-setturi awditjati – 2019-2020



[29] L-Artikoli 117(a) u 119(a) tar-Regolament (UE) 2017/625.

3
Rapporti ġenerali



Ir-rapporti ġenerali jiġbru flimkien is-sejbiet u l-konklużjonijiet ta' serje ta' kontrolli tal-Kummissjoni mwettqa f'qasam speċifiku biex jagħtu stampa ġenerali fil-livell tal-UE. Dawn ir-rapporti jidentifikaw x'qed jaħdem, jew x'ma huwiex qed jaħdem, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-kontrolli u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni. Dawn jipprovdu wkoll opportunità tajba biex jiġu kondiviżi eżempji ta' prattiki tajbin osservati fil-pajjiżi tal-UE. Dawn ir-rapporti jikkontribwixxu għall-politika tal-UE u jistgħu jipprovdu wkoll il-bażi għal skambji ma' esperti tal-pajjiżi tal-UE bħala parti mill-inizjattiva Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel biex jiġu diskussi problemi komuni u biex jiġu kondiviżi prattiki tajbin.

Tabella 4 – Rapporti ġenerali ppubblikati fl-2019 u fl-2020

Numru tar-Rapport	Suġġett
2017-6304	Influwenza avjarja
2018-6525	Rapport ġenerali dwar is-sikurezza tal-ikel importat
2018-6537	Rapport ġenerali dwar il-bejgħ fuq l-internet tal-ikel
2018-6780	Bijoċidi
2018-6810	Awditi ta' kontrolli uffiċjali fil-pajjiżi tal-UE
2019-6788	Miżuri biex tiġi indirizzata r-reżistenza għall-antimikrobiċi permezz tal-użu prudenti ta' antimikrobiċi fl-annimali
2019-6789	Monitoraġġ tal-AMR f'batterji żoonotiċi u kommensali
2019-6865	Pjanti għat-tħawwil u ż-żrieragħ
2019-6876	Saħħa tal-pjanti – kontrolli tal-importazzjonijiet
2019-6834	Trattament xieraq tal-annimali esportati bit-triq
2019-6835	Trattament xieraq tal-annimali esportati bil-baħar
2017-6246	Rapport ġenerali dwar il-prattiki kondiviżi fl-iġjene tat-tbiċċir
2020-7100	Rapport ġenerali - kontrolli uffiċjali fuq l-addittivi tal-għalf, l-ingredjenti u t-traċċabbiltà tagħhom

Numru tar-Rapport	Suġġett
2020-7105	Kontrolli uffiċjali fuq ir-rekwiżiti tal-iġjene, tat-traċċabbiltà u tal-kummerċ tal-proteini tal-annimali pproċessati.

4

Punti ewlenin mill-kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni (2019-2020)

L-awditi fil-qasam tas-sikurezza alimentari enfasizzaw sfidi partikolari li jiffaċċjaw l-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiżi tal-UE fir-rigward:

- tal-ikel lest biex jittiekel (ta' oriġini mill-annimali), fejn ħtieġa ta' taħriġ u appoġġ ieħor għall-uffiċjali u nuqqas ta' rieżamijiet sistematiċi tan-negozji jillimitaw is-segwitu tan-nuqqasijiet identifikati fil-proċeduri tan-negozji biex jipprevjenu l-kontaminazzjoni kroċjata u fil-kampjunar u fl-ittestjar;

- tal-laħam taż-żwiemel, fejn l-awditi li jsegwu l-iskandlu tal-laħam taż-żwiemel identifikaw kwistjonijiet marbuta mal-passaporti taż-żwiemel, il-bażijiet ta' *data* u l-kontrolli tar-reġistrazzjoni ta' trattamenti mhux permessi; u

- tal-ikel ta' oriġini mhux mill-annimali, fejn hemm lok biex jittejbu l-kontrolli fuq il-frott artab u l-ħxejjex iffriżati.

Aħna organizzajna serje ta' awditi biex nagħtu ħarsa aktar profonda u usa' lejn is-settur ġenerali tal-għalf, inklużi l-prodotti sekondarji tal-annimali, minħabba li s-serje preċedenti ta' awditi kienet żvelat xi dgħufijiet sistemiċi. Dawn l-awditi sabu li kien għad hemm il-ħtieġa li tittejjeb it-traċċabbiltà tal-proteini tal-annimali pproċessati.

L-awditi fuq is-saħħa tal-annimali eżaminaw il-prevenzjoni tal-mard, it-tħejjija għal tifqigħat u l-kapaċità ta' rispons. L-informazzjoni miksuba rigward id-deni Afrikan tal-ħnieżer u l-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja għenet biex jiġu żviluppati għadd ta' dokumenti strateġiċi u politiki tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni ta' dan il-mard.

Rigward iż-żoonożi:

- għas-*Salmonella* fil-popolazzjonijiet tat-tjur, l-awditi wrew li, b'mod ġenerali, il-pajjiżi tal-UE implimentaw programmi li kienu konformi mar-rekwiżiti u li kienu effettivi biex jintlaħqu l-miri tal-UE fil-prevalenza tas-*Salmonella*. Madankollu, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, ir-rata ta' detezzjoni fil-kampjuni meħuda min-negozji (li jipprovdu kopertura ħafna aktar kontinwa tal-istatus tal-qatgħa mill-kampjuni uffiċjali) hija ferm aktar baxxa milli fil-kampjuni uffiċjali. Dan jista'

jagħmel il-kampjunar tan-negozji kontribut ineffettiv għall-programmi, u jissuġġerixxi li huwa probabbli li l-infezzjonijiet tal-qatgħa ta' livell baxx jibqgħu ma jiġux identifikati.

- għar-rabja, l-awditi wrew implimentazzjoni tajba tal-programmi ta' tilqim, li wasslu għal tnaqqis fl-għadd ta' każijiet fl-annimali.

Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE għandhom diffikultajiet biex juru l-livell tagħhom ta' jew ix-xejriet fil-konformità fir-rigward tat-trattament xieraq tal-annimali, minħabba n-nuqqas ta' objettivi speċifiċi u/jew nuqqas ta' indikaturi definiti li għandhom jiġu mmonitorjati.

Tlesta proġett ta' tliet snin biex jitnaqqas il-qtugħ tad-denb ta' rutina tal-qżieqeż. Dan kien jinkludi awditi u żjarat f'diversi pajjiżi tal-UE minn tim ta' esperti b'esperjenza prattika fit-trobbija tal-ħnieżer b' denb intatt. Ir-riżultati tiegħu kienu jinkludu pjanijiet ta' azzjoni mill-pajjiżi kollha tal-UE mhux konformi, li se jgħinu biex jinkiseb il-progress ulterjuri meħtieġ biex titwaqqaf il-prattika ta' rutina tal-qtugħ tad-denb.

Komplejna nwettqu awditi fuq it-trasport tal-annimali bil-baħar u naħdmu mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima biex nistabbilixxu sistema li ttejjeb il-kontrolli uffiċjali fuq il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem u b'hekk intejbu t-trattament xieraq tal-annimali matul it-trasport bil-baħar.

L-użu ta' għodod ta' viżwalizzazzjoni f'portal web jappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet fil-pront, li jwassal għal żieda fil-protezzjoni tas-saħħa tal-pjanti. L-awditi fuq il-miżuri ta' kontroll meħuda mill-pajjiżi tal-UE fejn hemm infezzjonijiet mill-pesti tal-pjanti jgħinu biex jittejbu l-kontrolli u jappoġġaw il-ħidma biex dawn jiġu eliminati.

Filwaqt li l-pajjiżi tal-UE għamlu progress fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, il-kontrolli fuq l-implimentazzjoni tal-ġestjoni integrata tal-pesti mill-bdiewa u mill-produtturi għadhom qasam ta' tħassib.

Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE, il-korpi privati ta' kontroll jiċċertifikaw il-produzzjoni organika u l-użu u t-tikkettar ta' dawn il-prodotti. Is-superviżjoni ta' dawn il-korpi ta' kontroll mill-awtoritajiet kompetenti teħtieġ aktar titjib.

Il-kontrolli uffiċjali fir-rigward ta' prodotti ċċertifikati skont l-iskemi ta' oriġini ġeografika (DOP/IĠP/STG) mhux dejjem jivverifikaw li dawn il-prodotti jikkonformaw mar-regoli fl-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott.

Il-pajjiżi tal-UE għandhom xi arranġamenti fis-seħħ biex jindirizzaw it-theddid ta' frodi fil-katina agroalimentari, iżda l-kontrolli uffiċjali li jiffukaw fuq prattiki frawdolenti u qarrieqa għadhom ma humiex fis-seħħ b'mod sistematiku fl-oqsma kollha ta' kontroll.

Id-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport jipprovdi deskrizzjoni aktar dettaljata ta' xi wħud mill-oqsma ewlenin fejn il-Kummissjoni wettqet awditi.

5
Attivitajiet oħra ta’ kontroll tal-Kummissjoni

5.1
Id-dħul ta' annimali u oġġetti fl-UE

Il-pajjiżi tal-UE huma meħtieġa jwettqu kontrolli uffiċjali tal-annimali, tal-oġġetti li joriġinaw mill-annimali u ta' xi oġġetti li ma joriġinawx mill-annimali li jidħlu fl-UE. Dawn iwettqu l-maġġoranza ta' dawn il-kontrolli fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera li jinħatru għal dak il-għan. L-għan tal-kontrolli huwa li jiġi aċċertat li l-annimali, l-ikel u l-għalf jissodisfaw l-istess standards għoljin bħal dawk fis-seħħ għall-annimali u l-oġġetti li jiġu prodotti fl-UE. Il-pajjiżi tal-UE jistgħu jaħtru biss postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera għal dawn il-kontrolli wara li l-Kummissjoni tkun iddeterminat li l-istruttura u t-tqassim tal-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera proposti u l-arranġamenti fis-seħħ jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli tal-UE[30]. Fl-2020, irċevejna u vvalutajna 67 notifika minn pajjiżi tal-UE ta' postijiet ta' kontroll ġodda (jew emendi għal dawk eżistenti) fuq il-fruntiera, inklużi ċ-ċentri ta' spezzjoni tagħhom.

Is-sorveljanza tagħna tal-kontrolli uffiċjali tal-pajjiżi tal-UE fuq id-dħul tal-annimali u tal-oġġetti kompliet fl-2019 u fl-2020, filwaqt li twettqu 11-il awditu. Ir-riżultati ta' dawn jikkonfermaw li l-pajjiżi tal-UE jkomplu jtejbu s-sistemi tagħhom u l-implimentazzjoni tal-kontrolli. Dawn l-awditi se jkomplu fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, aħna wettaqna evalwazzjonijiet ibbażati fuq id-dokumentazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-kontrolli fuq id-dħul ta' annimali u oġġetti minn dawk il-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera li jinsabu fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, għal darb'oħra, b'riżultati sodisfaċenti.

[30] Ir-Regolament (UE) 2017/625 u l-leġiżlazzjoni assoċjata bħar -Regolament (UE) 2019/1014, ir-Regolament (UE) 2019/1012 u r-Regolament (UE) 2019/1081.

5.2
Residwi ta' prodotti mediċinali veterinarji u ta' kontaminanti ambjentali fl-annimali u fil-prodotti li joriġinaw mill-annimali

Il-prodotti mediċinali veterinarji jintużaw ħafna fil-produzzjoni tal-annimali biex jipprevjenu jew biex jikkuraw il-mard. Konċentrazzjonijiet baxxi ħafna – residwi – tas-sustanzi farmakoloġikament attivi preżenti fil-mediċini veterinarji jistgħu jkunu preżenti fil-laħam, fil-ġewwieni u fil-prodotti tal-ħalib minn annimali ttrattati kif ukoll fil-ħalib, fil-bajd u fl-għasel. Il-konċentrazzjonijiet sikuri fl-ikel – "limiti massimi ta' residwi" – huma stabbiliti fil-livell tal-UE. Ikel li fih residwi f'dan il-limitu u anqas minnu jitqies sikur u jista' jitqiegħed fis-suq, li juri li l-prinċipji ta' prattika agrikola tajba u veterinarja tajba ġew irrispettati fil-produzzjoni tal-annimali (mediċini użati f'konformità mal-istruzzjonijiet tat-tikketta tagħhom). Il-pajjiżi tal-UE jimplimentaw programmi annwali ta' monitoraġġ tar-residwi biex jivverifikaw li l-prodotti mediċinali veterinarji jintużaw f'konformità mar-regoli applikabbli tal-UE, u biex jidentifikaw l-użu ħażin potenzjali jew l-użu illegali ta' sustanzi farmakoloġikament attivi. Dawn il-programmi jinkludu wkoll il-monitoraġġ tal-annimali u tal-prodotti tal-annimali għall-preżenza ta' kontaminanti u pestiċidi ambjentali.

Kull sena, flimkien mal-laboratorji ta' referenza rilevanti tal-Unjoni Ewropea, nirrieżaminaw il-pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi tal-pajjiżi tal-UE, u nipprovdu kummenti u rakkomandazzjonijiet dwar l-adegwatezza tagħhom. Aħna nivverifikaw ukoll l-implimentazzjoni mill-pajjiżi tal-UE tal-pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi tagħhom, billi niffokaw fuq elementi bħall-prestazzjoni tal-laboratorju u l-effettività tal-investigazzjonijiet ta' segwitu ta' riżultati mhux konformi. Fl-2019 u l-2020, wettaqna tmien awditi fil-pajjiżi tal-UE b'riżultati li fil-biċċa l-kbira tagħhom kienu sodisfaċenti. Dawn l-awditi se jkomplu fis-snin li ġejjin.

6
Segwitu sistematiku tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditi

6.1
Awditi ta’ segwitu ġenerali

Permezz ta’ awditi ta’ segwitu ġenerali, aħna nsegwu sistematikament l-azzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti impenjaw ruħhom li jimplimentaw biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-rapporti tal-awditi. Dawn l-awditi jkopru r-rakkomandazzjonijiet “miftuħa” kollha fis-setturi kollha.

Dawn l-awditi jistgħu:

- jitwettqu fl-uffiċċji tal-awtoritajiet kompetenti, jew b’mezzi remoti;
- jitwettqu bħala eżerċizzju bbażat fuq id-dokumentazzjoni mill-uffiċċji tagħna (segwitu amministrattiv); jew
- ikunu ffukati fuq suġġett speċifiku: f’għadd żgħir ta’ każijiet, meta l-eżitu tal-awditu jkun partikolarment problematiku, jiġu organizzati awditi ta’ segwitu speċifiċi għas-settur biex jiġu segwiti l-azzjonijiet li jridu jiġu implimentati b’mod urġenti mill-pajjiżi tal-UE.

Tabella 5 – Awditi ta’ segwitu fil-pajjiżi tal-UE fl-2019-2020

Awditi ta’ segwitu ġenerali:	
Segwitu bbażat fuq id-dokumentazzjoni:	
Suġġett speċifiku:	

Dan il-proċess kompla jkun effettiv biex jittratta l-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet identifikati. Ir-riżultati tal-azzjonijiet ta’ awditjar ta’ segwitu ġenerali huma ppubblikati fil-profili tal-pajjiżi (ara 6.2, hawn taħt).

Fl-aħħar ta’ Diċembru 2020, il-pajjiżi tal-UE kienu ħadu azzjoni korrettiva, jew ipprovdew impenji sodisfaċenti biex jindirizzaw in-nuqqasijiet fi skadenzi aċċettabbli. Abbażi ta’ indikatur kontinwu ta’ tliet snin, ittieħdu azzjonijiet korrettivi fuq 92 % tar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-awditi mwettqa fil-perjodu ta’ tliet snin bejn l-2016 u l-2018.

6.2
Profili tal-pajjiżi

L-għarfien speċifiku għall-pajjiż huwa importanti biex jitħejjew l-awditi u jiġi infurmat it-tfassil tal-politika. Għalhekk, aħna nżommu u nippubblikaw il-profili tal-pajjiżi.

Dawn il-profili tal-pajjiżi huma disponibbli għall-pubbliku u jagħtu ħarsa ġenerali lejn kull pajjiż tal-UE, inklużi:

- il-ħames rapporti tal-awditjar li ġew ippubblikati l-aktar riċentement;
- il-valutazzjoni tal-azzjonijiet meħuda mill-pajjiż b'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-awditi;
- l-organizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali fil-pajjiż;
- links għal siti web rilevanti fil-pajjiż.

Il-pubblikazzjoni ta' dawn il-profili tal-pajjiżi tgħin biex jiġi żgurat li ċ-ċiklu sħiħ tal-awditjar ikun trasparenti għall-pubbliku.

6.3 Infurzar



Meta pajjiż tal-UE jikser id-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni tiddetermina azzjonijiet xierqa fuq bażi ta' każ b'każ f'konformità mal-approċċ stabbilit fil-Komunikazzjoni tagħha "Liġi tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar"[31]. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jvarjaw minn kuntatt mal-awtoritajiet tal-pajjiżi tal-UE fil-livelli xierqa biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni sat-tnedija ta' skambji Pilota tal-UE u/jew proċedimenti ta' ksur bħala l-aħħar alternattiva, meta nkunu ntużaw il-mezzi l-oħrajn kollha biex tiġi mħeġġa l-konformità. L-għodod ta' infurzar minbarra l-ksur għas-sikurezza alimentari jinkludu wkoll miżuri protettivi jew ta' salvagwardja. Dawn jistgħu jvarjaw mit-teħid ta' miżuri ta' prekawzjoni dwar il-kummerċ u l-movimenti ta' annimali, pjanti jew prodotti tal-ikel u l-għalf sal-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti.

Jekk il-kuntatt ma' pajjiżi tal-UE jew ma' skambji Pilota tal-UE ma jirriżultax fil-korrezzjoni tal-ksur tal-liġi, il-proċess jista' jidħol fil-fażijiet ta' qabel il-litigazzjoni u ta' litigazzjoni tal-proċedura ta' ksur[32].

Fl-2019, il-Kummissjoni fetħet każ ta' ksur kontra ċ-Ċekja dwar il-kontrolli uffiċjali sistematiċi tagħha ta' ċerti oġġetti tal-ikel li ġejjin minn pajjiżi oħra tal-UE kull darba li dawn l-oġġetti tal-ikel daħlu fil-pajjiż, bi ksur tar-regoli tal-UE dwar il-kontrolli uffiċjali li jiżguraw il-konformità mal-liġi dwar l-għalf u l-ikel, ir-regoli dwar is-saħħa tal-annimali u t-trattament xieraq tal-annimali[33].

Fl-2019, il-Kummissjoni għalqet żewġ każijiet ta' ksur fit-tul:

— Il-Greċja: b'rabta ma' nuqqas ta' persunal assenjat għas-servizzi responsabbli għall-kontrolli veterinarji; u

— Il-Portugall: b'rabta ma' miżuri għall-prevenzjoni tat-tixrid fl-UE tan-nematodu tal-injam tal-arżnu.

[31] 2017/C 18/02: Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni:Id-dritt tal-Unjoni: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar

[32] L-Artikolu 258 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE.

[33] F'Jannar tal-2019 intbagħtet ittra ta' intimazzjoni, u f'Lulju tal-2019 intbagħtet opinjoni motivata. . F'Lulju 2020 intbagħtet ittra addizzjonali ta' intimidazzjoni.



Fl-2019, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li l-Italja naqset milli tipprevjeni b'mod adegwat it-tixrid ulterjuri tal-organiżmu ta' ħsara fi kwarantina *Xylella fastidiosa* f'Apulia[34].

Bejn l-2019 u l-2020, il-Kummissjoni ma rreferiet l-ebda każ lill-qorti fl-oqsma soġġetti għal kontrolli uffiċjali koperti minn dan ir-rapport.

[34] Sentenza fil-Kawża Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-443/18

7
Appoġġ għall-pajjiżi tal-UE

7.1
Networks



Id-Direttorat għall-Awditi u l-Analiżi tal-Ikel u tas-Saħħa jospita għadd ta' networks u gruppi ta' ħidma magħmula minn uffiċjali mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi tal-UE u l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja biex jiddiskutu u jippromwovu l-implimentazzjoni ta' ċerti aspetti tad-dritt tal-Unjoni.

Mill-2008, żewġ networks iltaqgħu regolarment biex jiskambjaw esperjenzi dwar it-tħejjija, l-implimentazzjoni u r-rapportar tal-MANCPs u dwar l-implimentazzjoni tas-sistemi nazzjonali ta' awditu (NAS) fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali. Matul l-2019 u l-2020, in-network tal-MANCP iltaqa' sitt darbiet, filwaqt li darbtejn minnhom iltaqa' mill-bogħod. Il-laqgħat kienu ffokati l-aktar fuq l-iżvilupp, u l-finalizzazzjoni, taż-żewġ dokumenti ta' gwida dwar it-tħejjija tal-MANCP u r-rapporti annwali tal-pajjiżi tal-UE. Ġew diskussi wkoll l-isfidi u l-opportunitajiet li l-pajjiżi tal-UE ffaċċjaw matul l-2020 minħabba l-pandemija tal-COVID-19 fl-implimentazzjoni tal-kontrolli uffiċjali.

In-network tal-MANCP għen ukoll biex tiġi ttestjata l-verżjoni elettronika tal-mudell tal-formola standard għar-rapporti annwali, l-għodda tar-"rapportar annwali dwar il-kontrolli uffiċjali – AROC", biex jgħin lill-pajjiżi tal-UE jkunu lesti jissottomettu dan għall-ewwel darba fl-2021.

In-network tal-NAS iltaqa' tliet darbiet matul l-2019 u l-2020, filwaqt li darba minnhom iltaqa' mill-bogħod. Il-laqgħat iffaċilitaw l-iżvilupp u l-finalizzazzjoni tad-dokument ta' gwida dwar it-twettiq tal-awditi skont l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali. Ir-rappreżentanti tal-NAS u l-Kummissjoni skambjaw l-esperjenzi tagħhom fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' awditjar tagħhom matul il-pandemija tal-COVID-19, b'enfasi fuq prattiki tajbin identifikati.

Fl-2019 u l-2020, in-network tal-punti ta' kuntatt nazzjonali tal-pajjiżi tal-UE għall-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport iltaqa' tliet darbiet biex jiddiskuti l-indikaturi tat-trattament xieraq tal-annimali għall-kontrolli tat-trasport, it-trasport ta' għoġġiela mhux miftuma, il-punti ta' mistrieħ f'pajjiżi mhux tal-UE, it-trasport f'temperaturi estremi u t-trasport tal-annimali permezz ta' bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem. Fl-2020, il-punti ta' kuntatt nazzjonali ffinalizzaw l-aġġornament tad-dokument tan-network dwar il-bastimenti għall-ġarr tal-bhejjem.

Matul l-ewwel mewġa tal-pandemija tal-COVID-19, in-network kellu rwol importanti li jikkoordina l-iskambju ta' informazzjoni biex jiġi evitat li t-trakkijiet tal-bhejjem jinżammu fil-qsim tal-fruntiera nazzjonali minħabba restrizzjonijiet fuq il-moviment.

Sabiex tgħin lill-pajjiżi tal-UE jindirizzaw id-dgħufijiet fis-sistema, il-Kummissjoni ħolqot żewġ gruppi ta' ħidma, li jittrattaw l-analiżi tal-formulazzjoni u l-infurzar fir-rigward tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (PPP). Rappreżentanti ta' aktar minn għoxrin pajjiż tal-UE attendew regolarment il-laqgħa tal-grupp ta' ħidma għall-analiżi tal-formulazzjoni tal-PPP u t-tliet laqgħat tal-grupp ta' ħidma dwar l-Infurzar tal-PPP organizzati mill-Kummissjoni fl-2019. Minħabba l-prijorità ogħla mogħtija lill-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi (SUD), il-grupp ta' ħidma dwar l-awtorizzazzjoni u l-analiżi tal-formulazzjoni ġie ttrasferit lill-unità tal-politika tal-Kummissjoni dwar l-awtorizzazzjoni tal-pestiċidi u l-grupp ta' ħidma għall-infurzar twaqqaf.

F'Mejju tal-2019, il-Kummissjoni organizzat laqgħa konġunta tal-SUD u l-gruppi ta' ħidma għall-Infurzar tal-PPP biex tindirizza kwistjonijiet ta' tħassib reċiproku, flimkien ma' workshop dwar il-ġestjoni integrata tal-pesti (IPM). L-objettiv tal-workshop kien li jgħin lill-pajjiżi tal-UE jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-IPM fil-livell tal-azjendi agrikoli, filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza miksuba matul il-korsijiet ta' Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel dwar l-IPM. F'Novembru tal-2019, il-grupp ta' ħidma tal-SUD organizza laqgħa konġunta mal-grupp ta' ħidma dwar l-istatistika agroalimentari, li indirizzat kwistjonijiet ta' tħassib reċiproku, b'mod partikolari dawk relatati mal-iżvilupp ta' indikaturi tar-riskju armonizzati aktar utli. Fl-2020, ġiet organizzata laqgħa waħda tal-grupp ta' ħidma tal-SUD f'Novembru, li ffukat fuq aspetti tekniċi tal-evalwazzjoni u r-reviżjoni tal-SUD, li bdiet lejn l-aħħar tal-2019.

F'Diċembru tal-2020, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi tal-UE ġew mistiedna, permezz tal-grupp ta' ħidma tal-SUD, jipprovdu l-feedback tagħhom dwar għażliet ta' politika futuri possibbli. F'Diċembru tal-2020, ġie ffirmat kuntratt għal studju estern li jappoġġa l-evalwazzjoni tad-Direttiva u valutazzjoni tal-impatt tar-reviżjoni possibbli tagħha. Saret ukoll ħidma preparatorja għal avveniment mill-bogħod mal-partijiet ikkonċernati tal-Kummissjoni li kellu jsir f'Jannar tal-2021 u konsultazzjoni pubblika online/(semma' leħnek) biex din l-inizjattiva titnieda f'Jannar tal-2021. Aktar dettalji huma disponibbli fuq is-sit web tal-Portal għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni[35].

[35] Pjan direzzjonali u riżultati tal-konsultazzjoni pubblika.

7.2
Taħriġ imtejjeb għal iżjed sikurezza fl-ikel



Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel (BTSF) hija inizjattiva ta' taħriġ tal-Kummissjoni biex tittejjeb l-implimentazzjoni tar-regoli tal-UE li jkopru l-ikel, l-għalf, is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, il-biedja organika u l-iskemi ta' oriġini ġeografika (DOP/IĠP/STG). Din għandha rwol ewlieni fit-titjib tal-effettività u l-affidabbiltà tal-kontrolli uffiċjali u fit-tixrid tal-għarfien tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Il-kontrolli tal-Kummissjoni jgħinu biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet ta' taħriġ.

Il-programm BTSF għall-2019 u l-2020 kien fih firxa estensiva ta' suġġetti tekniċi u għadd ta' sessjonijiet ta' rilevanza partikolari għas-sistemi ta' kontrolli uffiċjali. Dawn kienu jinkludu:

- sistemi tal-awditjar u awditjar intern;
- infurzar tal-liġi sanitarja u fitosanitarja tal-UE;
- frodi alimentari u kummerċ elettroniku;
- ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali;
- tħejjija u ġestjoni ta' tifqigħat; appoġġ għall-awditi tal-UE (għall-esperti nazzjonali); u
- rapporti ġenerali tal-UE.

Fl-2020, ġie organizzat workshop dwar is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet.

Saru 200 kors ta' taħriġ fil-pajjiżi tal-UE matul l-2019 u sa Marzu tal-2020, meta l-korsijiet kollha ta' taħriġ wiċċ imb wiċċ kellhom jiġu sospiżi minħabba l-pandemija tal-COVID-19 li kienet qed tiżviluppa. Fl-2020, dawk il-kuntratti ġew immodifikati biex jipprovdu taħriġ virtwali, fejn possibbli, u l-kuntratti l-ġodda kollha issa jinkorporaw komponent ta' tagħlim virtwali.

Il-BTSF implimenta gradwalment it-taħriġ online matul l-2020, permezz ta' klassijiet virtwali u moduli ta' tagħlim elettroniku disponibbli permezz tal-**Akkademja BTSF**. Il-BTSF qed jespandi l-offerta tiegħu ta' tagħlim elettroniku u qed jibdel il-moduli eżistenti fil-biċċa l-kbira tal-lingwi uffiċjali biex jiżgura li l-udjenza massima jkollha aċċess għal materjal ta' taħriġ, irrispettivament minn x'jiġri fil-futur. L-akkademja

tipprovdi wkoll repożitorju ta' riżorsi ta' taħriġ eżistenti li l-uffiċjali kemm mill-pajjiżi tal-UE kif ukoll minn dawk mhux tal-UE jistgħu jużaw.



Ara r-rapport annwali tal-BTSF għall-2019 għal aktar informazzjoni.

Konklużjonijiet

L-UE għandha leġiżlazzjoni komprensiva biex timminimizza l-perikli għas-sikurezza u l-kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità, mill-għalqa sal-platt. Ir-rapporti annwali tal-pajjiżi tal-UE dwar il-kontrolli uffiċjali juru li l-awtoritajiet nazzjonali jkomplu jissodisfaw ir-rwol tagħhom biex jimmonitorjaw u jivverifikaw li n-negozji tul il-katina alimentari jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti tal-UE u jieħdu miżuri ta' infurzar meta dan ma jkunx il-każ.

L-introduzzjoni ta' mudell ta' formola standard għar-rapporti annwali ffaċilitat il-ġbir ta' informazzjoni u *data* komparabbli dwar il-kontrolli uffiċjali tal-pajjiżi tal-UE fil-katina agroalimentari kollha.

Dan ir-rapport u d-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament jipprovdu kompilazzjoni ta' din id-*data* komparabbli fl-istatistika madwar l-UE għas-sena 2020. Din id-*data*, maż-żmien, se tippermetti li jiġu identifikati x-xejriet fil-kontrolli u fi kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità. Għall-2020, l-istatistika għal 26 pajjiż turi li kien hemm 16,8 miljun entità li jaqgħu fl-ambitu tal-kontrolli uffiċjali u li l-awtoritajiet nazzjonali wettqu aktar minn 4 miljun kontroll uffiċjali fuq dawn l-entitajiet. Abbażi ta' dawn il-kontrolli, ġew identifikati madwar 655 000 kwistjoni ta' nuqqas ta' konformità, li wasslu għall-applikazzjoni ta' 388 000 sanzjoni amministrattiva u kważi 13 000 azzjoni ġudizzjarja.

Peress li l-mudell tal-formola standard intuża għall-ewwel darba, mhux il-pajjiżi kollha tal-UE setgħu jissottomettu d-*data* kollha fil-format meħtieġ. Li wieħed isegwi n-nota ta' gwida tal-Kummissjoni għat-tlestija tar-rapport annwali, ikompli jtejjeb il-komparabbiltà tal-informazzjoni pprovduta fil-kaxxi testwali miftuħa.

Id-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport jipprovdi dettalji tal-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-pajjiżi tal-UE u tal-kontrolli tal-Kummissjoni mwettqa fir-rigward tar-rekwiżiti tal-UE għal-liġi tal-ikel u l-għalf, is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Ir-riżultati ta' dawn juru li l-pajjiżi tal-UE għandhom is-sistemi ta' kontroll meħtieġa fis-seħħ u, b'mod ġenerali, jipprovdu livelli ta' konformità kompatibbli mas-sikurezza tal-ikel u l-għalf u suq intern tal-UE b'saħħtu. Il-kontrolli tal-Kummissjoni identifikaw dgħufijiet fis-sistemi ta' kontroll ta' xi pajjiżi tal-UE u jenfasizzaw li hemm lok għal titjib fis-sistemi ta' kontroll nazzjonali.

Is-segwitu sistematiku tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar tal-Kummissjoni juri li, b'mod ġenerali, l-awtoritajiet nazzjonali jieħdu l-miżuri korrettivi xierqa biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati.

Filwaqt li taħdem fi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, il-Kummissjoni tkompli tappoġġa lill-pajjiżi tal-UE biex itejbu kontinwament is-sistemi ta' kontroll uffiċjali tagħhom permezz tan-networks u l-inizjattiva BTSF.

Matul l-2020, ir-restrizzjonijiet imposti minħabba l-pandemija tal-COVID-19 ħolqu sfida għall-awtoritajiet nazzjonali u għall-Kummissjoni biex ilestu l-pjanijiet ta' kontroll tagħhom. Il-livelli tal-persunal u r-restrizzjonijiet fuq ir-riżorsi ġew ikkwotati wkoll bħala raġunijiet għaliex l-awtoritajiet nazzjonali ma implimentawx kompletament il-programmi ppjanati tagħhom. Ir-restrizzjonijiet wasslu wkoll għal aktar użu ta' mezzi remoti għat-twettiq tal-kontrolli. Dawn it-teknoloġiji wrew il-valur tagħhom u jistgħu jiġu esplorati aktar.